# Beati u Qaddisin....Ottubru

## SAN PIETRU MINN ALKANTARA ( 1499 - 1562)

## 19 TA' OTTUBRU



Luis Tristán, S. Pietro di Alcantara, XVI sec., Palazzo arcivescovile, Toledo

San Pietru twieled gewwa Alkantara, belt zghira gewwa Extremadura, mal-konfini tal-Portugal fis-sena 1499, minn familja nobbli. Missieru kien gvernatur tal-provincja u ommu ta' nisel nobbli. Wara li rcieva l-edukazzjoni tieghu b'mod privat u attenda l-Universita' ta' Salamaka, huwa hass is-sejha li jidhol mal-patrijiet frangiskani skalzi.

Fis-sena 1539 meta kien ghad kellu 40 sena huwa waqqaf l-ewwel kunvent tieghu imsejjah " Osservanza Stretta" billi kien ihoss li l-penitenza li kien jaghmel ma kienitx bizzejjed.

Pietru minn Alcantara kien bniedem ta' penitenza harxa u ta' talb.

Ic-cellel tal-patrijiet tieghu kienu jixbhu aktar lil oqbra milli postijiet fejn wiehed jghix. Dak ta' San Pietru kien 4 piedi u nofs tul, hekk li hu qatt ma seta' jimtedd fih; kien jiekol darba kull tlett ijiem u l-ilbies tieghu kienu xkejjer u qatt ma ghatta rasu jew saqajh.

Jum wiehed religjuz minn Ordni ohra gie bie jaghmillu zjara. Sabu f'ghar fil-gnien liebes biss mantell. Il-vizitatur canfru u qallu li ma kienx sew li jilbes bi ftit dicenza. Il-qaddis wiegbu, wara li skuza ruhu: " Aqra l-evangelju fejn hemm miktub li wiehed ghandu jkollu tunika wahda biss. Hsiltha ftit mumenti ilu u qeghda hemm tinxef.."

L-imperatur Karlu V riedu jkun il-konfessur tieghu. Pietru nizel gharkubtejh f'riglejh u wara li bieslu idu qallu: "Il-Maesta tieghek zgur li tipprova li taghmel ir-rieda ta' Alla. Ara jekk jiena ma nirritornax lura, dan ifiser li Alla ma jridnix naccetta l-ufficju li offrejtli." U ma rahx aktar.

Fost dawk il-persuni li mexxa' fit-triq tal-perfezzjoni kien hemm Santa Tereza. Huwa qralaha lir-ruh taghha, approva l-ispirtu tat-talb taghha u qawwiha fil-fehma taghha u taha kuragg biex timxi fit-triq tar-riforma.

Santa Tereza d'Avila kitbet fuqu hekk: " Kien tassew mudell tal-virtu'."

"O penitenza mbierka li kisbitli premju hekk kbir!" San Pietru minn Alcantara meta deher lil Santa Tereża wara mewtu.

San Pietru miet gharkubtejh jitlob fl-eta’  ta’ 63 sena fit-18 ta’ Ottubru tas-sena 1562.

Lil Pietru mqaddes iben ta' Frangisku
nghannu minn qalbna ghana ta' tifhir,
ghax bla ma stmerr jitghabba b'kull tbatija,
fost kemm hawn fqar, ried ighix ta' l-ifqar fqir.

Qalbu kienet huggiega wahda ta' l-imhabba,
u biex mill-jasar jifdi l-midinbin
halla ezempji sbieh ta' penitenza:
hekk hu jarahom darb'ohra mat-tajbin.

Kemm bata guh u ghatx mill-aktar klubi!
Tghatta b'ilbies qadim jaqa' bicciet,
u ta' kuljum bis-swat kien jghakkes gismu
ha jeqred fih, jekk hemm, fdal il-htijiet.

Mitluf bil-qima quddiem l-Ghudu Mqaddsa,

harstu mixghula, wahdu, gharkobbtejh,
jara s-Salib mahsul b'dija tas-Sema
li tinzel f'ruhu u tixref fuq haddejh.

Glorja ta' l-Ordni fqajjar tal-Minuri,
ilqa' t-tifhir li hiereg dritt mill-qalb,
u tnikker hares lejna b'hars ta' hniena,
Int taf, nehtiegu wisq, harsien u talb.

Lilek Missier, u Iben, Spirtu Santu,
fuq l-art u fis-Smewwiet kull barka w gieh:
mexxina, Trinità, kif mexa Pietru
biex niksbu ahna wkoll ferh u mistrieh.  Amen.

---

Mehud mill-Liturgija tas-Sighat - Proprju Frangiskan - p.259